Joyful Catholic Families

# "Jitwieled Ġesù!" Ktejjeb

©Joyful Catholic Families 2019
joyfulcatholicfamilies.com

Translation to Maltese by:
SEGRETARJAT GĦALL-KATEKEŻI, Floriana, Malta

Clipart from Kari Bolt Clip Art

©Joyful Catholic Families 2019

joyfulcatholicfamilies.com

Translation to Maltese by:
SEGRETARJAT GĦALL-KATEKEŻI, Floriana, Malta

Clipart from Kari Bolt Clip Art

# Jitwieled Ġesù!



Dawn l-għorrief  offrew lil Ġesù rigali ta' deheb, inċens u mirra.





Alla kien wiegħed li jum wieħed kellu jibagħtilna Salvatur.



Alla kien għażel lil Marija biex tkun omm is-Salvatur.   Iżda Marija dan ma kinitx tafu.



Alla kien għażel lil Ġużeppi biex ikun missier Ġesù f'din id-dinja.   Iżda Ġużeppi dan ma kienx jafu.



Meta wasal iż-żmien li Alla kellu jibgħat is-Salvatur, l-anġlu Gabrijel mar għand Marija biex jistaqsiha rieditx tkun omm Ġesù.

Marija qalet, “Iva.”





Xi għorried raw kewkba ġdida fis-sema. Imxew wara dik il-kewkba u sabu lil Ġesù fid-dar ma' Marija.

Erbgħin jum wara t-twelid ta' Ġesù , Marija u Ġużeppi marru fit-tempju u ppreżentaw lil Ġesù 'l Alla.  Offrew par gamiem bħala sagrifiċċju.







L-anġlu qal lil Marija li l-kuġina tagħha, Eliżabetta, li kienet xiħa ħafna, kellu jkollha tarbija!
Isem it-tarbija kellu jkun Ġwanni.

Hekk kif semgħat l-aħbar, Marija għaġġlet biex tmur għand il-kuġina tagħha Eliżabetta.

Marija reġgħet lura lejn darha. Għaddew ix-xhur u kien kważi wasal iż-żmien li t-tarbija tagħha titwieled. Il-mexxej tal-pajjiż ta' fejn kienu jgħixu Ġużeppi u Marija ħareġ ordni li kulħadd kellu jinkiteb f'ċensiment li kellu jsir.

Ġużeppi u Marija marru Betlehem għaċ-ċensiment.





Ir-rgħajja marru Betlehem biex jaraw lil Ġesù tarbija.



Imbagħad kor ta' anġli instema' jkanta,
"Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet."







Ħafna nies kienu telgħu Betlehem għaċ-ċensiment u Ġużeppi u Marija ma sabux post fejn joqogħdu.

Kien wasal iż-żmien li jitwieled Ġesù! Marija fisqietu u medditu ġo maxtura (kaxxa minn fejn jieklu l-annimali).







Dak il-lejl kien hemm xi rgħajja għassa mal-merħla tagħhom. Deherilhom anġlu u qalilhom li kien twieled is-Salvatur!